MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 4/2007/1

**Montrimex Limited**

**vs**

**The Catalogue Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet rapprezentanti pagament ta' depozitu fuq konsenja ta' accessorji u *electronic parts* li kienet xtrat minghand is-socjeta' konvenuta.

Tali depozitu kien thallas lis-socjeta’ konvenuta, bil-kundizzjoni illi jitnaqqas mill-prezz totali (ara ittra datata 30 ta’ Lulju, 2002) mibghuta minn Anthony Bonello, gja’ sales directors tas-socjeta’ konvenuta, (annessa u mmarkata Dok. B) li s-socjeta’ attrici kellha thallasha, fil-fatt hallset, mal-konsenja finali. Bi svista tal-partijiet, din is-somma baqghet ma gietx imnaqqsa, u ghaldaqstant is-socjeta’ attrici spiccat thallas elf lira Maltin (Lm1,000) izjed mill-prezz miftiehem fuq il-fattura in kwistjoni.

Nonostante illi giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b’ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar, 2005 li ggib in-numru 148/05 is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi s-somma mitluba m’hijiex dovuta mis-socjeta’ konvenuta la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Illi ma jirrizulta l-ebda bilanc pendenti bejn il-partijiet skond ir-*records* tas-socjeta’ konvenuta. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Stephen Rossi, Paul Stoner u ta’ Anthony Bonello.

Ra l-Affidavit ta’ Mohammed A. Montasser.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta biex tatiha stima ossija *quotation*, kemm kienet

ticcargja kieku kellha tissuplixxi kwantita' ta' affarijiet lill-klijent tas-socjeta' attrici fil-Libya. Is-socjeta' konvenuta giet fornuta b'lista shiha ta' affarijiet u b'rizultat ta' din it-talba, s-socjeta' konvenuta wiegbet billi whud mill-partijiet, anzi l-parti l-kbira ta' l-oggetti setghet tikkonsenjhom u ohrajn kien hemm certu kummenti dwarhom. Fil-kaz odjern, li huwa relevanti huwa dak li jirrigwarda zewg *professional testing boards* jew *benches*.

Fir-Risposta originali, jirrizulta skond Dok. MM2, is-socjeta' konvenuta ma kienetx tat *quotation* ghalihom billi dan l-*item* gie deskritt bhala *discontinued* u ghalhekk dawn l-oggetti ma gewx inkluzi fl-*invoices* li gew immedjatament accettati mis-socjeta' attrici.

Jirrizulta illi sussegwentement is-socjeta' konvenuta baqghet tfittex u eventwalment sabet minfejn setghet iggib dawn iz-zewg *professional benches* izda sa dakinhar il-merkanzija gja' ordnata u mhallsa kienet giet ikkonsenjata l-Libya. Id-dizgwit bejn il-partijiet jirrivolgi dwar jekk attwalment kienx hemm negozju ta' bejgh bejn il-partijiet fir-rigward ta' dawn iz-zewg *professional bench testers*.

A tenur ta' l-**Artikolu 1346 tal-Kodici Civili**:

"Il-bejgh u kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha."
Illi inoltre, a tenur ta' l-**Artikolu 1347 ta' l-istess Kodici**:

"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, li proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkonsenjata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz….."

Illi ghalhekk, a tenur tal-premess huwa evidenti li dak li ghandu jigi determinat minn dan it-Tribunal huwa jekk bejn il-partijiet kienx hemm ftehim ta' bejgh u cjoe' jekk il-partijiet ftehmux dwar l-oggett u dwar il-prezz ta' l-istess. Huwa evidenti mill-atti illi z-zewg *professional bench testers* ma kienux parti mill-konferma tal-bejgh originali. Huwa minnu li s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta biex taghti offerta ghal dawn iz-zewg *bench testers* izda s-socjeta' konvenuta ma tatx offerta billi meta ghamlet it-tfittxijiet taghha, nstab li dawn il-*bench testers* kienu *discontinued* u ghalhekk ma kienux *available* ghall-bejgh.

Il-veru kwistjoni hi pero' x'gara bejn il-partijiet meta s-socjeta' konvenuta rnexxiela ssib dawn iz-zewg *bench testers* u avzat lis-socjeta' attrici dwar dan. Fuq dan il-punt, Mohammed Montasser kien ircieva e-mail bid-data tas-7 t'Ottubru, 2002 fejn gie nfurmat bis-sejba ta' dawn iz-zewg *bench testers*. Dwar dan huwa qal hekk:

"In my e-mail reply to Mr Bonello, dated 7th October, 2002 I informed him that my clients had instructed me to request a new separate offer for the professional testing benches, since "for financial and administrative reasons this issue cannot be treated as a part of the previous one";

That, in effect, these professional testing benches were never ordered or purchased by the claimant company from the respondent company."

B'kuntrast ma' dan l-Affidavit hemm ix-xhieda ta' Anthony Bonello li qal hekk:

"Sussegwentement ghal dan il-*professional bench testers* waslu Malta u ahna lis-*suppliers* taghna tlabnihom biex jibghatu l-*professional bench testers* wara li ahna rcevejna l-ittra tas-7 t'Ottubru, 2002 a fol 24 tal-process. Jien l-ittra li semmejt

fhimtha li jiena nista' nkompli ghaddej bl-ordni u wara dan jien u Mr Montasser tkellimna fuq dan u l-arrangament fil-fatt bejnietna kien illi dawn kienu ser jaslu fl-ufficcju taghna hawn Malta u mbaghad kellu jigi hu ghalihom u jehodhom hu l-Libya u fil-fatt meta waslu l-affarijiet jiena nfurmajtu li kienu waslu izda hu qatt ma gie ghalihom."

Inoltre, fuq mistoqsija diretta tat-Tribunal huwa wiegeb hekk:

"Mistoqsi direttament mit-Tribunal biex nghid x'kienet ir-rejazzjoni tas-Sur Montasser meta jien ghidtlu li rnexxielna nsibu l-*bench testers* nghid li r-rejazzjoni tieghu kienet posittiva u qalilna ok u sussegwentement meta nfurmajtu li kienu waslu kien jghidli illi ser jigi ghalihom. Qatt ma qalli li gibnihom ghalxejn u qatt ma qalli li ma kienx ikkonferma l-order….."

Illi fid-dawl tal-premess huwa evidenti li hemm kontrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, izda t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verzjoni li ghandha tipprevali hija dik moghtija *viva voce* minn Anthony Bonello u dan mhux semplicement ghall-fatt illi Mr Montasser ipprezenta Affidavit u ma pprezentax ruhu ghall-kontro-ezami izda wkoll billi minn ezami ta' l-e-mail a fol 24 tal-process jidher car illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim kemm dwar l-oggett u kif ukoll dwar il-prezz. Sahansitra Mohammed Montasser ikkorega lill-konvenut dwar dak li huwa afferma fl-ittra tieghu tal-4 t'Ottubru, 2002 meta kien ikkwota l-prezz ta' dawn il-*professional bench testers* bhala $528.00 each u qal hekk:

"Thanks for God that my memory still ok, and I could remember the price during our meeting in Malta with the presence of Mr Rossi Stephen."

F'din l-istess e-mail jghid li l-klijent tieghu talbu:

"He asked me to prepare a new separate offer."

Hawnhekk Mr Montasser qieghed jirreferi ghar-relazzjonijiet bejnu u bejn il-klijent tieghu izda mhux qed jirreferi ghar-relazzjonijiet bejnu u bejn is-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju biex jikkonkludi illi fil-fatt sa dak il-mument Mr Montasser kien ittamat li l-klijent tieghu Libjan kien ser jikkonfermalu l-ordni u li huwa ghaddha biex anticipament ikkonferma l-ordni ma' Mr Bonello u, kif xehed l-istess Mr Bonello, tah struzzjonijiet biex ikompli ghaddej bin-negozju.  Kulma kien jifdal kien li dan il-*professional bench testers* jigu kkonsenjati l-Libya.  Fil-konsenji precedenti kien hemm problema dwar it-trasport fis-sens illi meta l-affarijiet gew mibghuta l-Libya kien hemm dubju jekk dawn attwalment waslux izda mbaghad meta saru l-verifiki debiti ma' l-Air Malta, dawn kollha nstabu.

Illi ghalhekk il-partijiet ftehmu illi fir-rigward ta' dawn il-*bench testers,* forsi ghaliex ma fdawx illi dawn jigu trasportati bl-istess mod, li Mr Montasser kellu jigi ghalihom personalment.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi attwalment bejn il-partijiet gie konkluz ftehim tal-bejgh u li attwalment is-socjeta' attrici xtrat iz-zewg *professional bench testers* versu l-prezz kif spjegat mill-konvenut ta' disa' mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm931).

M'huwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi s-socjeta' attrici kienet hallset elf lira Maltin (Lm1,000) zejda billi d-depozitu ta' elf lira Maltin (Lm1,000) inizjali ghall-ordni li attwalment giet ikkonsenjata l-Libya, kienet thallset darbtejn u li ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha f'idejha elf lira Maltin (Lm1,000) fuq ir-rih u konsegwentement stante li l-ordni fuq imsemmija giet ikkonfermata, kien hemm kreditu favuriha cert, likwidu u dovut ta' disa' mija u

> wiehed u tletin lira Maltin (Lm931) li kien fid-dritt taghha li tnaqqas mis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) dan l-ammont ta' disa' mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm931) biex b'hekk jifdal li ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u sittin lira Maltin (Lm69).
>
> Huwa dan l-ammont li ser jigi llikwidat favur is-socjeta' attrici.
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u sittin lira Maltin (Lm69) bl-interessi mis-7 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> In vista tar-rizultanzi fuq imsemmija l-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal 1/12 ghas-socjeta' konvenuta u 11/12 ghas-socjeta' attrici.**"**

L-appell tas-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza jikkonsisti fl-aggravji illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u ghamel ukoll valutazzjoni errata ta' l-ipotesi tal-ligi f' materja ta' tpacija. F' kull kaz tissottometti l-istess socjeta` appellanti, it-Tribunal naqas li jipprovdi dwar iz-zewg "*professional testing benches*" li baqghu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta;

Brevement, il-fatti l-aktar rilevanti li taw lok ghall-vertenza bejn il-partijiet kienu dawn:-

(1) Mohammed Montaser bhala mandatarju ta' kumpanija Libjana kien ipjazza ordni mas-socjeta` konvenuta ghall-akkwist ta' certi komponenti u *spares* li s-socjeta` konvenuta kellha timporta mir-Renju Unit. Dan versu l-prezz globali ta' tnax-il elf, mija u sitta u disghin lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm12,196.71) dwar liema s-socjeta` lokali Agrimed Ltd, mandatarja ta' l-imsemmi Mohammed Montaser ghaddiet, fuq

struzzjonijiet tieghu, biex thallas id-depozitu inizzjali ta' elf lira (Lm1000). Tali ammont kellu eventwalment jitnaqqas mic-cifra l-ohra fuq imsemmija;

(2) Gara li, inavvertitament, is-socjeta` Agrimed hallset l-ammont shih ta' Lm12,196.71 minghajr it-tnaqqis ta' l-Lm1000 imsemmija. Hi proprju din l-ahhar somma li issa s-socjeta` attrici qed tirrikjama lura ghandha;

(3) Jirrizulta illi fin-negozjati li waslu ghall-ippjazzar ta' l-ordni l-partijiet kienu iddiskutew ukoll l-akkwist ta' "Professional Testing Bench" izda dan, f' dak iz-zmien, ma kienx disponibbli tant li dwaru jinghad fil-Quotation a fol. 21 illi "*Item Discontinued*" u allura ebda prezz dwaru ma gie kkowtat;

(4) B' ittra ta' l-4 ta' Ottubru 2002 (fol. 22) is-socjeta` konvenuta tramite l-ex-direttur taghha Anthony Bonello informat lill Montaser illi l-*item* surreferit issa seta' jigi provvdut versu l-prezz ta' 528 dollaru. Aktar tard din is-somma, fuq senjalazzjoni ta' l-istess Montaser, giet rettifikata ghal 730 dollaru;

(5) B' *e-mail* tas-7 ta' Ottubru 2003 (fol. 24) Montaser wiegbu illi l-klijent tieghu fil-Libja xtaq li jkollu offerta separata ghaz-zewg Testing Benches;

(6) Bhala stat ta' fatt jirrizulta illi dawn iz-zewg *testers* ingiebu Malta mis-socjeta` konvenuta, izda ma gewx ikkonsenjati lil Montaser jew dan baqa' ma gabarhomx minghandha;

Esposti dawn il-fatti, jidher li l-punt kontrovers bejn il-partijiet jaggira fuq jekk kienx hemm ordni ferma dwar iz-zewg *testers*, jew, kif kontez mis-socjeta` appellanti, mera offerta. Certament, il-kwestjoni hawn involuta tidhol fil-problematika generali jekk f' dan il-kaz tezistix ipotesi ta' offerta u accettazzjoni li jinkrocjaw flimkien biex jghaqqdu l-kontrattazzjoni. Dan ghaliex, kif enuncjat, "*è elementare in diritto che il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si*

*considera effettuarsi quando vi è l' unione della proposta e della accettazione, perche in quel momento le due volonta` dell' offerente e del accettante si immedesimano in modo tale da creare il vincolo*." ("**Emmanuele Grech -vs- Giuseppe Borg *et proprio et***", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar, 1931);

Ghall-iskop ta' l-ezercizzju interpretattiv li jrid isir huwa forsi importanti anke f' dan l-istadju bikri li jigu puntwalizzati l-aspetti segwenti kif dawn jemanu mill-konsiderazzjoni tal-provi:-

(1) Fl-Affidavit tieghu Mohammed Montaser jiddikjara illi ghalkemm kien hemm negozjati dwar l-akkwist tat-*testers*, fil-fatt hu qatt ma ikkonferma l-ordni dwarhom fiz-zmien posterjuri. Bil-kontra, meta xehed l-ewwel darba, Paul Stoner ghas-socjeta` konvenuta jghid li t-*testers* kienu parti integrali mill-ordni originali kkalkolata komplessivament minnu ghal Lm13,127.71 (ara *e-mail* tieghu a fol. 26 u x-xhieda tieghu a fol. 32). Ta' min josserva illi din ic-cifra ma tikkorrispondix ghal dik tal-fattura (Lm12,196.17) esebita a fol. 2;

(2) L-ex-direttur tal-kumpanija konvenuta, Anthony Bonello, jghid li dawn it-*testers*, li dwarhom, kif gja nghad, ma kien ikkwotat ebda prezz fil-kors tan-negozjati dwar komponenti u *spares* ohra, saru disponibbli aktar tard u b' dan informa lil Montaser u indikalu wkoll il-prezz. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 67;

(3) Dejjem skond dan l-istess xhud, l-*e-mail* mibghuta lilu minn Montaser fis-7 ta' Ottubru 2002 (fol. 24) huwa interpretaha bhala li kienet ordni ghall-akkwist tat-*testers* u ghaldaqstant ghadda biex talab lis-*suppliers* fl-esteru tas-socjeta` tieghu biex jinbatuhom. Din ix-xhieda apparentement tikkozza ma' dik ta' Paul Stoner, l-attwali direttur tas-socjeta` konvenuta, fejn dan xehed illi l-kumpanija tieghu kienet diga` rceviet it-*testers* fl-4 ta' Ottubru, 2002 (ara xhieda a fol. 35), meta allura l-imsemmi Anthony Bonello b' ittra ta' l-istess data (fol. 22)

kien baghat jinfroma lil Montaser illi t-*tester* "*has now become available*";

Minn dan il-kwadru din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi z-zewg *testers* kienu diga` fil-pussess tas-socjeta` konvenuta importati minnha minn barra sa mill-4 ta' Ottubru, 2002, u ghalhekk huwa difficli li taccetta kif l-imsemmi Anthony Bonello seta' jassumi, fuq il-bazi ta' l-*e-mail* tas-7 ta' Ottubru, 2002 mibghuta lilu minn Montaser, illi hu seta' jipprosegwi biex jakkwista xi haga li kienet diga` ghand il-kumpanija tieghu u li dwarha, ghallanqas sa l-4 ta' Ottubru, 2002, ma kienx ghad hemm komunikazzjoni tal-prezz taghha u lanqas ma kellu ordni konfermatorja. Dan, biex ma jinghadx ukoll, b' kuntrast ma' l-interpretazzjoni li jaghti t-Tribunal, illi minn ezami akkurat ta' l-*e-mail* a fol. 24 ma jirrizultax daqstant car illi bejn il-partijiet, b' dik l-*e-mail*, kien hemm ftehim dwar l-oggett u l-prezz. Mill-interpretazzjoni korretta tad-dikjarazzjonijiet fiha, anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet l-ohra maghmula u dawk tac-cirkostanzi generali tal-kaz, lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex li kien hemm dik l-accettazzjoni cara u inekwivoka, u allura l-manifestazzjoni tal-volonta`, bis-sinjifikat guridiku objettiv taghha, li twassal biex jinghand illi dik l-*e-mail* kellha l-ingredjenti ta' ordni pura u semplici;

Il-perfezzjoni ta' kuntratt, anke dak ta' bejgh ghal liema jalludi t-Tribunal, tavvera ruhha meta jitwieled il-vinkolu kontrattwali u l-partijiet ikunu impenjati ghalih. Il-konkluzjoni tieghu, imbaghad, tokkorri meta jkun gie raggunt ftehim fuq l-insjem ta' l-elementi kollha tieghu. Dan fil-kaz prezenti ma jirrizultax. Jidher, invece, illi s-socjeta` konvenuta agixxiet unilateralment u ghaddiet biex importat it-*testers* meta ma kellhiex l-adezjoni tal-kontro-parti ghal daqshekk u l-ebda kunsens, sostrat hekk baziku tal-kuntratt ta' vendita ghall-effett traslativ immedjat tal-proprjeta` fl-oggett. Oggett dan li baqa' fil-pussess esklussiv tas-socjeta` appellata ghal dawn l-ahhar hames snin u nofs, avolja skond hi ma kien jezisti ebda divarju dwar il-konkluzjoni ta' ftehim;

Raggunta din il-konkluzjoni huwa logiku li l-Qorti ma tarax in-necessita` li tintrattjeni ruhha fuq il-gravam tat-tpacija anke ghaliex dan l-istharrig kien ikun hekk mehtieg kieku l-Qorti warrbet l-ewwel aggravju. Invece la dan l-aggravju jinsab sostnut huwa l-kaz li l-Qorti tabbanduna l-konkluzjoni tat-Tribunal u tghaddi biex takkolji sew l-appell kif ukoll it-talba attrici kostitwita bl-att promotur ta’ l-Avviz.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tilqa’ l-appell fl-ewwel motiv ta’ aggravju tieghu u b’ hekk timmodifika s-sentenza appellata. Tilqa’ konsegwentement it-talba tas-socjeta` attrici billi tikkundanna u tordna lis-socjeta` konvenuta tirrifondilha s-somma pretiza ta’ elf lira Maltija (Lm1000) ekwivalenti fil-valuta tal-lum ghal elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------